MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 199/2004

**Micallef & Zammit (Marketing) Limited (C-23061)**

**vs**

**Joseph Mifsud – ID 171868M**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u sittin lira Maltin u tliet cemtezmi (Lm1,662.03) dovuta fuq bejgh ta' merkanzija lilu u dan
(a) kwantu ghal Lm53.62 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 24 ta' Settembru, 2003,
(b) kwantu ghal Lm198.86 skond fattura datata 2 ta' Ottubru, 2003,
(c) kwantu ghal Lm145.93 wara fattura datata 10 ta' Ottubru, 2003 u 'credit note' relattiv,
(d) kwantu ghal Lm186.49 wara fatura datata 16 ta' Ottubru, 2003 u 'credit note' relattiv,

(e) kwantu ghal Lm176.69 skond fattura datata 23 ta' Ottubru, 2003,
(f) kwantu ghal Lm45.84 skond fattura datata 30 ta' Ottubru, 2004,
(g) kwantu ghal Lm138.74 wara fattura datata 30 ta' Ottubru, 2003 u 'credit note' relattiv,
(h) kwantu ghal Lm74.69 skond fattura datata 6 ta' Novembru, 2003,
(i) kwantu ghal Lm50.33 skond fattura datata 13 ta' Novembru, 2003,
(j) kwantu ghal Lm58.20 skond fattura datata 25 ta' Novembru, 2003,
(k) kwantu ghal Lm38.10 skond fattura datata 26 ta' Novembru, 2003,
(l) kwantu ghal Lm187.00 wara fattura datata 11 ta' Dicembru, 2003 u 'credit note' relattiv,
(m) kwantu ghal Lm48.68 wara fattura datata 11 ta' Dicembru, 2003 u 'credit note' relattiv,
(n) kwantu ghal Lm107.01 wara fattura datata 18 ta' Dicembru, 2003 u
(o) kwantu ghal Lm151.85 skond fattura datata 13 ta' Jannar, 2004 [kif muri fuq prospett u kopji ta' fatturi u 'credit notes' relattivi lkoll annessi bhala dokumenti u mmarkati bhala Dok. 'A' sa' Dok 'P'.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-avviz ghas-smiegh u ta' l-ittra nterpellatorja tat-22 ta' Marzu, 2004 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. 'Q') u bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament relattiv kollha kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta attrici tal-25 ta' Mejju, 2004 (fol 30) li biha rriduciet it-talba attrici ghas-somma ta' elf, mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tliet centezmi (Lm1,182.03) stante pagament ta' erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm480) fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-6 ta' Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe' ghas-somma ta' elf, mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tliet centezmi (Lm1,182.03) bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------